MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 865/2006

**Il-Pulizina
Spettur Maria Stella Attard**

**KONTRA**

**MARIUS MICALLEF ta' 55 sena, iben Emanuel u Dolores nee' Ciantar, imwieled Qormi nhar it-22 ta' Settembru, 1957, residenti fil-fond Flat 3, Govandre, Triq San Xmun, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 673357M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemm **Marius Micallef** li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta' Settembru, 2004, ghall-habta ta' 1.00am fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi

traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Josephine Gauci fl-eta' ta' 66 sena;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAK575 ghamla van Suzuki b'manjiera perikoluza;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-istess vettura b'mod negligenti u speed eccessiv.

Rat li l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':
1. Fl-Artikoli 225, u 533 tal-Kodici Kriminali;
2. Fl-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi l-provi migbura a tempo vergine gew ben konstatati f'Inkjesta Magisterjali ezebita.

PC 996 Joseph Massa li wasal fuq il-post ftit wara l-incident xehed illi ra quddiem is-sala ta' Franxaver, qabel ma ddur ir-roundabout li taghti ghal Hal Qormi (folio 16), vettura tipo ta' vann ta' kulur ahdar u mara mtajra.

Minn naha ta' Transport Malta xehed Christopher Darmanin li qal li l-vettura DAK575 (allura dik involuta fl-incident in dezamina), kienet tghajjat lil certu John Fitz bhala sidha.

Xehed ukoll illi din kellha licenzja mhallsa ghall-perjodu l-1 ta’ Mejju 2004 sat-30 ta’ April, 2005.

Dr Anthony Zrinzo minn naha tieghu xehed fuq Gauci li kienet iddahhlet l-Isptar fid-19 ta’ Settembru, 2004, allegatament imtajra minn karozza. Spjega l-kundizzjoni medika taghha, bhal ksur tar-raba’ sas-seba’ kustilji, ksur tal-pubic ranus, xellug u lemin, kienet anke deeply unconscious, kellha anke tbengila fil-mohh. Mietet fis-17 ta’ Ottubru, 2004.
Ezebixxa ghalhekk ir-rizultanzi medici ta’ Gauci bhala Dok AZ.

Il-patologista Maria Therese Camilleri xehdet li l-kawza tal-mewt ta’ Gauci kienet ‘infraction of the brain stem following an MVA.’ (folio 61, vide wkoll Dok MTC folio 63).

Xehed ukoll il-Perit Richard Aquilina, prezenta pjanta tas-sit fejn sar l-incident u xehed fuq mistoqsija tad-Difiza, illi d-distanza bejn il-post ta’ l-incident u t-traffic lights huwa ta’ 335 metri inti u tiela’ (minn Hal Qormi ghal Haz Zebbug), u 250 metri inti u niezel bil-kontra. Xehed ukoll illi l-vizwali tat-triq setghet kienet ristretta stante li kien hemm kurva, pero dan kien anke jiddependi fejn wiehed ikun qieghed fit-triq.
Mir-relazzjoni redatta mill-istess Perit Aquilina fl-Inkjesta Magisterjali, hemm ikkonstatat ukoll it-tul tal-brake marks imhollija mill-vettura fl-incident li huma ta’ circa tlettax u ghaxar metri.

Il-membri tal-familja li xehdu f’din l-Inkjesta ghandhom ix-xhieda taghhom kollha migbura fl-Inkjesta.

Qabel ma tigi riprodotta din, ghandu jinghad ukoll illi l-abbli Avukat Difensur fit-trattazzjoni tieghu, issottometta li x-xhieda migbura kienet hekk misjuba fl-atti tal-Inkjesta, ghalhekk ma kinitx migbura fil-presenza u taht il-kontroll tal-imputat.

Hawn il-Qorti ser taghmel referenza ghall-Artikolu 550 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jghid hekk:

*1. Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smiegħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda fl-Inkjesta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja.*

*2. Madankollu il-Pulizija tkun tista' ġġib lil kull waħda mill-persuni msemmija fis-Subartikolu (1) biex tagħti xiehda fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fuq materji speċifiċi u biex l-Avukat Ġenerali jġib lil kull min irid minn dawk l-persuni skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 405. Il-persuna mixlija tkun tista' wkoll iġġib lil kull minn trid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha kontro-eżami.*

*3. Il-Qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għal daqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn.*

*4. Iżda, id-dokumenti kollha u oġġetti materjali oħra li fuqhom ikun sar proċess verbal, u li jkunu jistgħu jintrefgħu u jinġiebu bla tfixkil, għandhom dejjem jinġiebu fil-kawża, flimkien mal-proċess verbal.*

*5. Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti*

Illi d-Difiza, darba prezentat il-proces verbal, kellha kull dritt u opportunita' li ttella' x-xhieda migjuba fl-Inkjesta u tikkontrolla l-istess - dritt dan li ghazlet fil-mori tal-proceduri ma tihux.

Jacqueline Bugeja, xhud okulari, xehdet illi ghall-habta tas-1.30am, hi u l-familja taghha kienu telghin minn

Franxaver Hall gewwa Mdina Road, Qormi. Qalet illi ma xorbux alcohol. Spjegat li kienu pparkjati gewwa Mdina Road, man-naha li taghti ghal Hal Qormi. Ghalhekk riedu jaqsmu t-triq. Spjegat li t-traffic lights kienu aktar ‘il fuq minn fejn qasmu. Qalet illi l-ewwel qasmet hi, u warajha ommha (il-mejta). Qalet illi qabel ma qasmet, hi harset u ma ratx karozzi, u li ommha kienet hames passi warajha. Ma semghet ebda hoss ta’ skid marks jew rat dwal ta’ head lamps. Kif waslet mas-central strip semghet hoss, daret u rat lil ommha tahbat mal-van u ttir ‘il quddiem. Xehdet illi l-van waqaf mill-ewwel. Qalet illi fil-mument tal-impatt, ommha kienet kwazi waslet mas-central strip.

L-espert Joseph Zammit, senjalament irrelata li l-vettura kienet wahda road worthy u li l-hsarat sofferti fuq l-istess kienu rizultat tal-incident stradali.

Jirrizulta wkoll mill-konkluzjonijiet peritali (anke mill-sketch tal-istess, folio 58), illi l-incident sehh meta l-mejta kienet qasmet it-triq u vicin is-central strip.

Il-Perit Filletti, mahtur fl-Inkjesta, irrelata hekk:

“*L-incident de quo sehh waqt illi Josephine Gauci kienet qed taqsam gewwa Mdina Road, Qormi. Ma kien hemm l-ebda xhieda jew marki oggettivi li setghu ndikaw li Mario Micallef beda jsuq bi speed eccessiv. Jidher ukoll illi l-brejkijiet hadmu tajjeb. Jigi rilevat illi d-dim light tal-vettura waqt l-access ma kinitx qed tahdem izda x-xhud iddikkjara li huwa kien isuq bil-bright mixghul. Jidher ukoll illi Mario Micallef kellu esperjenza twila ta’ sewqan.*

*Jigi rilevat ukoll illi Josephine Gauci bdiet taqsam gewwa triq principali. Ma kinx hemm zebra crossing u lanqas ma kien hemm sinjali li jindikaw li persuni setghu jaqsmu. Kien hemm zebra crossing bi traffic lights diversi metri ‘l fuq. Jigi rilevat ukoll illi Jacqueline Bugeja li qasmet b’pass mghaggel waslet fuq in-naha opposta, ukoll li r-ragel ta’ Josephine Gauci ma qasamx u baqa’ fuq il-bankina.*

*Finalment jigi wkoll rilevat illi Triq l-Imdina, Qormi, ghalkemm tilwi ftit u hija ftit ghat-telgha, tippermetti vizwali*

*tajba 'l quddiem ghal diversi metri specjalment ghal min ikun qieghed jaqsam minn Franxaver Hall ghan-naha opposta.*"

Illi minn naha tieghu l-imputat xehed minn jeddu. Qal illi dakinhar tal-incident, stante li hu kien taxi driver, kien Paciville, u nqalghu zewg guvintur li hu kien ser iwassal Haz Zebbug. Qal illi hu u tiela' lejn Haz Zebbug minn naha ta' Hal Qormi, hdejn is-showroom tat-Topaz fejn hemm qisu bend, kif dar laqat mara. Zied illi kien tiela' bil-45 – 50. xehed illi hass impatt, sema' mara twerzaq, ra persuna mal-art, bix-shock tah kwazi hass hazin. Qal illi hu kien qieghed isuq fuq il-lane ta' barra.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, Josephine Gauci mietet kagun tal-incident stradali. Illi certament ukoll gie kkonstatat li l-imputat ma kienx qieghed isuq bi speed eccessiv; u li l-mejta qasmet fi triq principali li verament, jekk is-sewwieq gej lejha minn naha tal-lemin tat-triq, ghandu l-vizwali kemmxejn osturata in vista' li t-triq ghandha kurvatura hafifa.

Illi l-Qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali, u qieghda in vista' ta' hekk tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------